

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 90/2010

tat-2 ta' Lulju 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/2010 tal-11 ta' Ġunju 2010 (¹).
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 42 g (id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

"42 h. **32007 R 1371:** Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14)."

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 fil-lingwi tal-Islanda u tan-Norveġja, li jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-3 ta' Lulju 2010, kemm-il darba saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tīġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 244, 16.9.2010, p. 34.

<sup>(2)</sup> ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14.

(\*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.